

# Seħem il-Qriema fl-iżvilupp tal-Belt Valletta bejn l-1585 u l-1635



**Kitba ta' Alistair-Paul Borg B.A. (Hons.) History**

Huma ħafna dawk l-istorici li jqisu l-miġja tal-Ordni ta' San Gwann f'Malta flimkien mal-bini tal-Belt Valletta bħala episodji ewlenin fl-istorja ta' pajjiżna. Dan għaliex il-wasla tal-Kavallieri fl-1530 bidlet għal kollox id-destin ta' dawn il-gżejjer li f'perjodu ta' ftit żmien inbidlu minn post iżolat u vulnerabbli għal ċentru marittimu u ta' importanza kbira fil-Mediterran. Malta għalhekk saret iċ-ċentru ta' Ordni nobbli u prestiġġjuż li l-prosperita' tiegħu kienet ibbażata fuq l-attivita marittima bħal korso u l-piraterija. Tassew li l-importanza tal-baħar għal-Kavallieri kienet evidenti sa mill-ewwel snin tal-ħakma tagħhom hekk kif huma għażlu l-Birgu bħala s-sede prinċipali u mhux l-Imdina li, sa dan il-perjodu, kienet għadha il-belt kapitali ta' Malta. Għalhekk l-ewwel bereġ, djar u bini amministrattiv ta' l-Ordni ieħor inbena fil-Birgu li iżda kien ċkejken wisq għall-esiġenzi kollha tal-Kavallieri. Tassew li l-bżonn ta' belt kbira u komda kien ilu jinħass mill-Kavallieri sa mill-ewwel snin tal-miġja tagħhom f'Malta u fil-fatt, f'dan il-perjodu, numru mdaqqas minnhom, fosthom La Vallette xtaqu jabbandunaw lil Malta u minflok jissetiljaw fi Tripli. Iżda wara li tilfu din il-belt fl-1551 u l-aktar wara l-Assedju l-Kbir ta' l-1565 il-Kavallieri aċċettaw lil Malta bħala s-sede permanenti u għalhekk bdew biex jibnu belt ġdida minn fejn setgħu jmexxu u jkattru l-attivita marittima tagħhom.

Il-bini tal-Belt Valletta beda minnufih b'ritmu mgħaġġel fis-snin ta' wara l-Assedju hekk kif il-Kavallieri kienu beżgħana minn xi ħbit ieħor tat-Torok. Frott din il-biża' huma bdew minnufih bil-bini tas-swar u fortifikazzjonijiet oħra li jdawrru l-Belt u fil-fatt hu mifhum li f'mument minnhom madwar 8,000 ħaddiem kienu qed jaħdmu biss fuq ix-xogħol tas-swar. L-opportunitajiet tax-xogħol, għalhekk, żdiedu bil-kbir hawn Malta speċjalment fl-industrija tal-bini tant li ma kienx hawn biżżejjed ħaddiema biex isostnu dan il-bżonn. Fil-fatt in-nuqqas ta' ħaddiema tant beda jinħass li persuni bla xogħol bdew anke jitqiesu bħala kriminali.

B'hekk jidher biċ-ċar li l-Belt Valletta bidlet għal kollox il-fiżjonomija tal-Gżejjer Maltin hekk kif kienu ħafna dawk in-nies, inklużi barranin, li bdew jemigraw lejn dan iċ-ċentru li kien qed joffri impiegi ġodda fl-industrija tal-bini, fil-manifattura u anke fis-settur marittimu. Iżda, hawnhekk wieħed jistaqsi x'sehem kellhom il-Qriema fl-iżvilupp ta' din il-belt? Kemm sfruttaw l-opportunitajiet ġodda ta' impiegi li nħolqu u kemm ikkontribwixxew biex il-Belt Valletta saret ċentru ewlieni fil-Mediterran?

Tajjeb wieħed jiġbed l-attenzjoni li l-Qriema minn dejjem kellhom relazzjoni mill-qrib mal-Belt

Valletta, l-aktar minħabba l-fatt li l-għolja Sciberras sa qabel l-1571 kienet tagħmel parti mill-parroċċa Qormija ta' San Ġorġ. Filfatt naraw li l-kappillan Qormi Dun Gwann Cilia, waqt l-Assedju l-Kbir, fl-1565 miet mewta erojka meta kien qed jiġġieled fil-Forti Sant' Iermu kontra t-Torok. Barra minn hekk naraw ukoll li l-kappillan ta' warajh Dun Marjanu Briffa, meta twaqqfet il-Belt Valletta, għamel minn kollox biex ir-residenti beltin jibqgħu jagħmlu parti mill-parroċċa tiegħu. Dawn l-isforzi iżda ma servew għal xejn hekk kif f'qasir żmien twaqqfu żewġ parroċċi fil-Belt, waħda mid-Dumnikani ddedikata lil Santa Marija tal-Portu Salvu u l-oħra ddedikata lil San Pawl Nawfragu.

Minkejja din il-qasma, iżda jidher li l-Qriema xorta baqgħu minn ta' ġewwa ma' ħafna beltin u ma' l-attivita li kienet għaddejja fil-Belt Valletta. Dan għaliex numru mdaqqas minnhom għarfu jisfruttaw l-opportunitajiet ġodda ta' xogħol li l-Belt kienet qed toffri. Wieħed jinnota, filfatt, li l-Qriema kienu jiffurmaw l-akbar grupp ta' residenti mill-irħula li marru joqogħdu fil-Belt f'dan il-perjodu. Dan ifisser li l-Qormin kienu aktar numerużi minn, ngħidu aħna in-Naxxarin jew il-Gudjin bejn l-1585 u l-1635. Jekk inħarsu lejn statistika mtella' apposta biex tanalizza il-moviment tal-Maltin lejn il-Belt Valletta, wieħed jinnota li mill-koppji Qriema kollha li żżewġu f'Ħal Qormi f'dawn is-snin (982), 199 marru joqogħdu għal xi żmien fil-Belt. B'kuntrast mis-602 koppja li żżewġu fin-Naxxar bejn l-1550 u l-1650, 18 biss imxew lejn il-Belt. Jekk inħarsu lejn il-Gudja naraw li mit-865 koppja li żżewġu f'dan ir-raħal bejn l-1555 u l-1635, 65 marru joqogħdu għal xi żmien fil-belt il-ġdida.

Dawn il-figuri, b'hekk, jagħtu stampa ċara li l-Qriema kienu fost l-aktar residenti mill-irħula li għarfu jisfruttaw il-ġid li tkattar hawn Malta bil-bini tal-Belt Valletta. Filfatt huma anke rnexxielhom jagħtu s-sehem modest tagħhom biex din il-Belt tiżviluppa f'ċentru urban ewlieni tal-Mediterran. Dan il-kontribut jidher biċ-ċar billi numru ta' Qriema tas-sengħa marru jipprattikaw is-snajja tagħhom fil-Belt. Mill-banda l-oħra naraw li l-bqija ta' l-irħula Maltin baqgħu xi ftit jew wisq maqtugħin minn dan l-iżvilupp.

Intant ta' min wieħed jinnota li l-presenza tal-Qriema fil-Belt, bħala kwantita, kienet aktar tixbaħ lil dik tal-Girbin (nies mill-Birgu) li kienu l-aktar numerużi fost il-Maltin li marru joqogħdu l-Belt Valletta. Il-Qriema, barra minn hekk, kienu aktar numerużi mis-Sengleani u l-Bormlizi li ħafna minnhom, f'dan il-perjodu, kienu nvoluti f'xi xogħol relatat ma' l-iżvilupp ta' belthom. hawnhekk ta' min wieħed ifakkar li Bormla u l-Isla wara l-assedju għaddew minn żvilupp kbir ta' rikostruzzjoni u għalhekk ir-residenti ta' dawn il-postijiet żgur li sabu ħafna xogħol relatat ma dan l-iżvilupp. Dan ifisser li kemm is-Sengleani kif ukoll il-Bormliżi kellhom biżżejjed opportunitajiet ta' impieg f'belt twelidhom u għalhekk kellhom inqas bzonn jimxu lejn il-Belt biex isibu impieg. Barra minn hekk dawk li xorta sabu xogħol fil-Belt żgur li ma kellhomx għalfejn jibdlu r-residenza hekk kif kemm Bormla kif ukoll l-Isla qegħdin biss tefgħa ta' ġebla bogħod mill-Belt. Il-Birgu, mill-banda l-oħra mtela daqs bajda sa l-ewwel nofs tas-seklu 17 u għalhekk numru mdaqqas ta' Girbin, fost ħafna raġunijiet oħra, fittxew residenza aktar komda fil-Belt minħabba n-nuqqas ta' spazju fil-Birgu.

Intant x'kienu ir-raġunijiet prinċipali li attiraw il-Qriema lejn il-Belt Valletta? Diġa' għidna li x-xogħol kien fattur importanti ħafna. Il-Belt kienet qed toffri impiegi mhux fl-industrija tal-kostruzzjoni biss, iżda anke' fis-settur marittimu bħala baħħara, baħrin jew kursara. Xogħolijiet fuq il-baħar u speċjalment fil-korso kienu jrendu tajjeb ħafna, l-aktar meta l-Maltin kien

jirnexxielhom jaħtfu xi bastiment Tork, mimli ilsiera u oġġetti prezzjużi. Mill-banda l-oħra dan ix-xogħol kien fih ukoll il-perikli tiegħu, l-aktar minħabba l-ħafna battalji qliel ma' bastimenti ta' l-għadu li spiss kienu jwasslu biex il-Maltin jispiċċaw ilsiera fil-Barbarja jew f'Kostantinopli. Barra l-fattur tax-xogħol, il-Belt kienet qed toffri wkoll opportunita' lill-Qriema biex jitħaltu ma' kavallieri ta' l-Ordni li kienu ġejjin minn fost l-aktar familji nobbli ta' l-Ewropa. Ċertu Qriema, anke dawk li baqgħu joqogħdu fir-raħal, jidher li rnexxielhom jilħqu ċertu familjarita' u ħbiberija ma' xi kavallieri u filfatt spiss kont issib lil dawn ta' l-aħħar iservu ta' parrini fil-magħmudija ta' tfal Qormin. Il-bżonn ta' sigurta' jidher li kienet it-tielet raġuni ewlenija li ġegħlet ħafna Qriema jfittxu residenza alternattiva fil-Belt Valletta. Ta' min ifakkar li fl-assedju Ħal Qormi, bħal ħafna irħula oħra, kien ġie abbandunat għal kollox ħekk kif il-Qriema fittxew kenn fl-ibliet iffortifikati. Għalħekk fis-snin ta' wara l-assedju, meta f'Malta kien hawn biża' kbir minn ħbit ieħor tat-Torok, għandu mnejn li numru ta' Qriema telqu lejn il-Belt minħabba n-nuqqas ta' sigurta' f'Ħal Qormi. F'dan il-kuntest jidher biċ-ċar li kemm in-Naxxarin kif ukoll il-Gudjin ma kinux daqshekk beżgħana minn xi nżul ieħor tat-Torok, anke' jekk l-irħula tagħhom ftit li xejn kellhom forom ta' difiża.

Minn dan kollu wieħed jista jikkonkludi li l-poplu ta' Ħal Qormi kien minn ta' quddiem, fost il-Maltin, li għen biex il-Belt tikber u tiżviluppa. Dan l-iżvilupp iżda ingħata palata wkoll mill-ħafna barranin, l-aktar Taljani, Franċiżi u Griegi li ma qagħdux lura milli jisfruttaw l-opportunitajiet ta' xogħol ġodda li nħolqu fil-port Malti. Rigward Ħal Qormi naraw li minkejja l-fatt li ħafna Qriema abbandunaw raħal twelidhom wara l-assedju biex imorru joqogħdu fil-Belt, ir-raħal ma sofra l-ebda tip ta' degradazzjoni soċjali jew demografika. Għal kuntrarju wara l-1565 il-popolazzjoni żdiedet b'mod kontinwu f'Ħal Qormi l-aktar meta fil-pajjiż ma kienx hawn xi ċirkostanza eċċezzjonali bħal epidemija. Mill-banda l-oħra l-iżvilupp tal-Belt Valletta għen biex Ħal Qormi jikber soċjalment u ekonomikament sal-punt li numru ta' industrji żgħar tal-manifattura, anke jekk mhux fuq l-istess skala li kien hemm fil-Belt, bdew joperaw f'Ħal Qormi.

**Familji minn bliet jew irħula oħra li marru joqogħdu għal żmien indefinit fil-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, fil-Belt Valletta**

| *Perjodu* | *Parrocca belt jew raħal* | *Nr. ta' familji li mxew lejn San Pawl Nawfragu* | *Persentaġġ mill-ammont totali ta' żwiġijiet għal kull parroċċa* | *Ammont totali ta' żwiġijiet f' kull parroċċa* |
|---|---|---|---|---|
| 1550-1650 | Birgu | 105 | 4.45% | 2,359 |
| 1550-1650 | Bormla | 19 | 1.44% | 1,317 |
| 1586-1650 | Senglea | 50 | 2.70% | 1,868 |
| 1588-1650 | Porto Salvo | 141 | 10.5% | 1,338 |
| 1585-1635 | Qormi | 93 | 9.50% | 982 |
| 1550-1650 | Naxxar | 6 | 0.99% | 602 |
| 1555-1635 | Gudja | 33 | 3.82% | 865 |

| Perjodu | Parroċċa belt jew raħal | Nr. ta' familji li mxew lejn Porto Salvo | Persentaġġ mill-ammont totali ta' żwiġijiet għal kull parroċċa | Ammont totali ta' żwiġijiet f' kull parroċċa |
|---|---|---|---|---|
| 1550-1650 | Birgu | 138 | 5.85% | 2,359 |
| 1550-1650 | Bormla | 40 | 3.04% | 1,317 |
| 1586-1650 | Senglea | 80 | 4.30% | 1,868 |
| 1596-1650 | San Pawl Nawfragu | 326 | 23.1% | 1,408 |
| 1585-1635 | Qormi | 106 | 10.80% | 982 |
| 1550-1650 | Naxxar | 12 | 1.99% | 602 |
| 1555-1635 | Bir Miftuħ | 35 | 4.05% | 865 |

Sors: A.P. Porto Salvo, San Pawl Nawfragu, Birgu, Bormla, l-Isla, Qormi, Gudja & Naxxar.

***Referenzi:-***


1) Arkivji Parrokjali Ħal Qormi - magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet (1563-1634).

2) Arkivji Parrokjali Porto Salvo, Valletta- magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet (1573-1650).

3) Arkivji Parrokjali San Pawl Nawfragu, Valletta- magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet (1596-1650).

4) Arkivji Parrokjali Birgu- magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet (1558-1650).

5) Arkivji Parrokjali Bormla- magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet (1585-1650).

6) Arkivji Parrokjali Isla- magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet (1586-1650).

7) Arkivji Parrokjali Naxxar- magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet

8) Arkivji Parrokjali Bir-Miftuħ- magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet (1556-1635).

9) Borg A.P. "Qormi 1560-1635: A Demographic Overview" B.A. (ħons.) 1999

10) Borg V. "Birgu: A Demographic Overview" B.A. (ħons.) 1999

11) Grima J.F. "Mill-Istorja ta' Ħal Qormi" (Malta 2001)

12) Cassar, C., "Society, Culture and Identity in Early Modern Malta." (Malta 2000)

14) Mallia-Milanes, V., "Fra' Jean de La Valette 1495-1568 A Reappraisal" (Malta 1995)

15) Mallia Milanes, V., ed. "Hospitaller Malta 1530-1798 Studies on Early Modern Malta and the Order of St John of Jerusalem." (Malta 1993)

16) Mercieca, S., "Community Life in the Central Mediterranean- A Socio-Demographic Study of the Maltese harbour Towns in Early Modern Times- Bormla (1586-1815)." Ph.D. 2002.